# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 460.17

## ORDNI DWAR IL-MOVIMENT LIBERU TA' ĊITTADINI TAL-UNJONI EWROPEA U TAL-MEMBRI TAL-FAMILJI TAGĦHOM

20 ta' Lulju, 2007

*L-AVVIŻ LEGALI 191 tal-2007; kif emendat bl-Avviżi legali 427 tal-2007, 329 tal 2011, 107 tal-2012 u XXIX tal-2019.*

### Taqsima I

### Preliminari

Titolu, skop u applikabilità. *Emendat: A.L. 107 tal-2012.*

**1.** (1) It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni dwar il-Moviment Liberu ta' Ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tal-Membri tal-Familji tagħhom.

L.S. 217.04

(2) Dan l-Ordni jirrevoka u jissostitwixxi t-Taqsima II tar-Regolamenti dwar l-Immigrazzjoni dwar ċittadini tal-Unjoni Ewropea biss, b'seħħ mid-data tal-pubblikazzjoni. Dawk ir-Regolamenti għandhom jibqgħu japplikaw għal dawk il-pajjiżi li ċ-ċittadini tagħhom ikollhom il-libertà ta' moviment fl-Unjoni Ewropea iżda li dwarhom id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2004/38/KE għadhom m'humiex effettivi.

(3) Dan l-Ordni jimplimenta, *inter alia*, id-dispożżzjonijiet tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004

(4) Dan l-Ordni japplika għaċ-ċittadini tal-Unjoni kollha li jidħlu Malta jew li jkunu joqogħdu Malta u li ma jkunux ċittadini Maltin, u għall-membri tal-familji tagħhom jew membri tal-familja oħrajn kif imfissra f'dan l-Ordni, li jakkumpanjawhom jew jingħaqdu magħhom, kif ukoll għal ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Tifsir. *Emendat: A.L. 329 tal-2010; A.L. 107 tal-2012.*

**2.** Għall-finijiet ta' dan l-Ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

L.S. 594.18

"aġenzija tal-impjiegi" tfisser l-aġenzija pubblika għas-servizz tal-impjiegi mwaqqfa skont Regolamenti dwar Aġenziji tal-Impjieg;

Kap. 217.

"l-Att" tfisser il-Att dwar l-Immigrazzjoni;

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni mwaqqaf bl-artikolu 25A tal-Att;

"ċertifikat ta' reġistrazzjoni" tfisser ċertifikat maħruġ lil ċittadin tal-Unjoni skont l-artikolu 7 bħala prova tad-dritt li detentur ikollu li jirrisjedi f'Malta fid-data tal-ħruġ;

"ċertifikat ta' residenza permanenti" tfisser ċertifikat maħruġ lil ċittadin tal-Unjoni skont l-artikolu 7 bħala prova tad-dritt li detentur ikollu għal residenza permanenti f'Malta fid-data tal-ħruġ;

"ċittadin ta' Malta" tfisser kull persuna li titqies bħala ċittadin ta' Malta bis-saħħa tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' kull liġi oħra li tista' tkun fis-seħħ;

"ċittadin ta' pajjiż terz " tfisser persuna li li ma tkunx ċittadin tal-Unjoni;

"ċittadin tal-Unjoni", għall-finijiet ta' dan l-Ordni, tfisser kull persuna li jkollha ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru iżda ma tinkludix lil ċittadini Maltin;

"id-Direttur" tfisser id-Direttur għal Affarijiet dwar Ċittadinanza u *Expatriates*;

"dokument ta' identifikazzjoni" tinkludi passaport validu, karta ta' identità, dokument tal-ivvjaġġar jew xi dokument ieħor adatt skont ma l-Ministru jista', b'avviż fil-Gazzetta, isemmi għal dak l-iskop għall-finijiet ta' dan l-Ordni;

"dokument tal-ivvjaġġar" tfisser dak id-dokument li jagħti jedd lid-detentur jaqsam post ta' fruntiera;

"esklużjoni minn Malta" tfisser restrizzjoni tad-dritt ta' dħul jew ta' residenza jew ta' ordni ta' tneħħija li ġiet infurzata;

"ħaddiem" tfisser ħaddiem fil-kuntest tat-tifsira tal-Artikolu 45 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea;

"karta ta' residenza" tfisser karta maħruġ lil membru tal-familja jew membru tal-familja ieħor li jkun ċittadin ta' pajjiż terz skont l-artikolu 7 bħala prova tad-dritt li detentur ikollu li jirrisjedi f'Malta fid-data tal-ħruġ;

"karta ta' residenza permanenti" tfisser karta maħruġa lil membru tal-familja li jkun ċittadin ta' pajjiż terz, skont l-artikolu 7, bħala prova tad-dritt li detentur ikollu li jirrisjedi permanenti f'Malta fid-data tal-ħruġ;

"liċenza" tfisser dik il-liċenza tal-impjieg li tista' tkun meħtieġa biex id-detentur ikun jista' jaħdem bħala persuna impjegata jew biex iwettaq xi attività ekonomika oħra f'Malta;

"membru tal-familja" tfisser:

(*a*) il-konjuġi, sakemm dik il-persuna ma tkunx tinkludi parti fi żwieġ ta' konvenjenza;

(*b*) id-dixxendenti diretti li għadhom m'għalqux il-wieħed u għoxrin sena jew li huma dipendenti, u dawk tal-konjuġi;

(*ċ*) il-qraba diretti dipendenti fil-linja axxendentali u dawk tal-konjuġi;

"membru tal-familja ieħor" tfisser:

(*a*) persuna li, irrispettivament miċ-ċittadinanza tagħha, fil-pajjiż minn fejn tkun ġiet, tkun dipendenti jew membru tal-abitazzjoni taċ-ċittadin tal-Unjoni li jkollu d-dritt primarju ta' residenza, jew

(*b*) persuna li, għal raġunijiet ta' saħħa serji, tkun tabilħaqq teħtieġ kura personali miċ-ċittadin tal-Unjoni;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-immigrazzjoni;

"pajjiż terz" tfisser Stat li ma jkunx Stat Membru;

"permess ta' residenza uniformi" tfisser permess maħruġ taħt l-artikolu 4A tal-Att u partikolarment tfisser awtorizzazzjoni ta' kull xorta li tagħti d-dritt ta' residenza fit-territorju ta' Malta lil ċittadin ta' pajjiż terz li ma jkunx membru tal-familja jew membru tal-familja ieħor ta' ċittadin tal-Unjoni. Din it-tifsira m'għandhiex tinkludi permess għal residenza temporanja f'Malta għall-fini tal-ipproċessar ta' applikazzjoni għal asil jew għal applikazzjoni għal permess ta' residenza uniformi jew membru tal-familja jew membru tal-familja ieħor ta' ċittadin tal-Unjoni li ma jkunx qiegħed jeżerċita d-dritt mogħti mit-Trattat f'Malta;

"Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (ħlief Malta) u Stat taż-Żona Ekonomika Ewropea:

Iżda Stat taż-Żona Ekonomika Ewropea tfisser in-Norveġja, l-Islanda u l-Liechtenstein;

"Trattat" tfisser it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

"Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni" tfisser il-persuna li tinħatar f'dik il-kariga mill-Prim Ministru taħt l-artikolu 3 tal-Att u tinkludi, fil-limiti ta' kull awtorità mogħtija mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni taħt l-artikolu 3(3), kull uffiċjal pubbliku li jkun qiegħed jaġixxi taħt dik l-awtorità;

"visa" tfisser awtorizzazzjoni maħruġa skont l-artikolu 8 tal-Att għall-fini ta' dan l-Ordni.

TAQSIMA II

Dħul u residenza ta' ċittadini tal-Union, membri tal-familja u membri tal-familja oħrajn

Disposizzjonijiet ġenerali.
*Emendat:*
*A.L. 427 tal-2007;*
*A.L. 329 tal-2010;*
*A.L. 107 tal-2012.*

**3.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Ordni, ċittadin tal-Unjoni jista' jidħol, jibqa' u jirrisjedi f'Malta, ifittex u jaqbad impjieg jew impjieg għal rasu f'Malta, u għandu jgawdi trattament ugwali ma' ċittadini Maltin fl-iskop tat-Trattat, u dak id-dritt għandu, bla ħsara għal dak li jinsab dikjarat f'dan l-Ordni, ikun ukoll japplika għal membri oħra tal-familja li jkunu jakkumpanjaw jew li jingħaqdu maċ-Ċittadin tal-Unjoni, inklużi dawk li m'humiex ċittadini ta' Stat Membru, u għas-sieħeb jew sieħba li miegħu/magħha ċ-ċittadin/a tal-Unjoni għandu/għandha relazzjoni mhux temporanja:

Iżda d-Direttur jista' jirrifjuta, jittermina jew jirtira kull dritt bħal dak fil-każ ta' abbuż tad-drittijiet jew ta' frodi:

Iżda wkoll ċittadin tal-Unjoni ma jkollux jedd għal assistenza soċjali matul l-ewwel tliet xhur ta' residenza jew, meta jkun adatt, il-perjodu itwal imsemmi fis-subartikolu (4) ħlief għal ħaddiema, persuni li jaħdmu għal rashom, persuni li jkollhom dak l-istatus u membri tal-familji tagħhom, lanqas ma jkollu jedd, qabel ma jikseb id-dritt għal residenza permanenti, għal għajnuna li tingħata b'manteniment għal studju, inkluż taħriġ vokazzjonali, li jikkonsisti f'għotjiet lil studenti jew self lil studenti li jingħataw lil persuni.

(2) Bla ħsara għal limitazzjonijiet ġustifikati abbażi ta' *policy* pubblika, is-sigurtà pubblika jew is-saħħa pubblika, ċittadin tal-

Unjoni u l-membri tal-familja tiegħu li jkunu jakkumpanjawh jew li jingħaqdu miegħu, jistgħu jidħlu u jitilqu minn Malta billi biss ikollhom dokument ta' identifikazzjoni validu fil-każ ta' ċittadini tal-Unjoni u passaport validu fil-każ ta' membri tal-familja li ma jkunux ċittadini ta' Stati Membri:

Iżda, meta jkun adatt, membri tal-familja li ma jkunux ċittadini ta' Stat Membru jkunu meħtieġa li jkollhom visa tad-dħul, li għandha tinħareġ bla ebda ħlas kemm jista' jkun malajr u abbażi ta' proċedura mgħaġġla, kemm-il darba ma jkollhomx diġà karta ta' residenza valida, u m'għandu jiġi ttimbrat ebda dħul jew ħruġ fil-passaport dwar dawk il-membri tal-familja li jkollhom karta ta' residenza valida:

Iżda wkoll l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni għandu jagħti kull opportunità raġonevoli lil ċittadin tal-Unjoni jew membru tal-familja li ma jkunx ċittadin ta' Stat Membru u li ma jkollux id-dokumenti tal-ivvjaġġar meħtieġa disponibbli, li jikseb id-dokumenti meħtieġa jew li dawn jinġiebulu jew li jikkorrobora jew iġib prova b'kull mezz ieħor li jkun li huwa jinsab kopert bid-disposizzjonijiet tat-Taqsima II ta' dan l-Ordni.

(3) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) u l-artikolu 4, ċittadin tal-Unjoni u l-membri tal-familja tiegħu li jakkumpanjawh jew li jingħaqdu miegħu jistgħu jirrisjedu u jkollhom moviment liberu f'Malta bl-istess kondizzjonijiet bħalma għandhom ċittadini Maltin għal perjodu ta' tliet xhur mingħajr ebda kondizzjoni jew xi formalità, li jibdew għaddejin mid-data ta' dħul jew minn kull perjodu ieħor li jista' jiġi preskritt bis-subartikolu (4):

Iżda ċittadin tal-Unjoni u l-membri tal-familja tiegħu għandhom jibqgħu hekk jirrisjedu sakemm dawn ma jiġux li jkunu ta' piż żejjed fuq is-sistema ta' assistenza soċjali f'Malta.

(4) Il-perjodu ta' tliet xhur imsemmi fis-subartikolu (3) huwa estiż għal perjodu ta' sitt xhur, fil-każ ta' persuna li qed tfittex impjieg.

(5) Id-Direttur għandu jikkunsidra kif imiss u b'mod adatt dwar id-dħul u r-residenza ta' kull membru tal-familja ieħor u tas-sieħeb jew sieħba li miegħu/magħha ċ-ċittadin/a tal-Union għandu/għandha relazzjoni mhux temporanja, debitament attestata, billi jagħmel eżami estensiv taċ-ċirkostanzi personali u għandu jiġġustifika kull rifjut ta' dħul jew residenza lil dawk il-persuni.

Rappurtar.

(6) Ċittadin tal-Unjoni jew persuna msemmija fis-subartikolu (1), li jaslu f'Malta u li mhux kopert mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 31 tal-Att applikabbli għall-postijiet ta' akkomodazzjoni bi ħlas għandu, fi żmien xahar mill-wasla tiegħu, jirrapporta l-preżenza tiegħu f'Malta lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni billi jirrapporta fi kwalunkwe uffiċċju innominat mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, u għandu jingħatalu rikonoxximent bil-miktub ta' dak ir-rapport.

(7) Kull persuna li tonqos milli tikkonforma ruħha mad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94):

Iżda jekk qabel ma l-persuna tinsab ħatja li tkun għamlet

ir-reat taħt dan l-artikolu, dik il-persuna tħallas lill-Kummissarju tal-Pulizija penali amministrattiva ta' bejn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) u mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94), skont ma jista' jiġi stabbilit mill-Kummissarju tal-Pulizija, ma għandhom jinbdew jew jitkomplew ebda proċedimenti dwar ebda reat kriminali li jkun sar bi ksur ta' dan l-artikolu.

Residenza għal iżjed minn tliet xhur.
*Emendat: A.L. 107 tal-2012.*

**4.** (1) Ċittadin tal-Unjoni u l-membri tal-familja tiegħu, ukoll jekk dawk il-membri tal-familja jkunu ċittadini ta' pajjiż terz, jistgħu jirrisjedu f'Malta għal perjodu itwal minn tliet xhur bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikoli 3(4), 5, 6, 8, 9, 10, 11 u 12 skont ma dawn japplikaw.

(2) Meta jkun hemm dubju raġonevoli dwar jekk iċ-ċittadin tal-Unjoni jew il-membri tal-familja tiegħu jkunux issodisfaw il-kondizzjonijiet li hemm fl-artikoli msemmija fis-subartikolu (1), id-Direttur ikollu d-dritt jivverifika dawn il-kondizzjonijiet.

(3) Mingħajr preġudizzju għal kull dritt li l-membri tal-familja jew membri tal-familja oħrajn jistgħu jgawdu skont Taqsima I u II ta' dan l-Ordni, dawn jistgħu jirrisjedu f'Malta biss sakemm jibqa' għaddej id-dritt ta' residenza ta' ċittadin tal-Unjoni u jkomplu jseħħu l-kondizzjonijiet applikabbli msemmija f'dawk it-Taqsimiet.

(4) F'każijiet speċifiċi fejn hemm dubju raġonevoli dwar jekk il-persuni msemmija fis-subartikoli preċedenti jissodisfawx il-kondizzjonijiet imsemmija hemmhekk, id-Direttur jista' jivverifika jekk dawn il-kondizzjonijiet ġewx sodisfatti:

Iżda din il-verifika m'għandhiex titwettaq sistematikament.

Membri tal-familja li jkunu żammew id-dritt ta' residenza.
Kap. 255.

**5.** (1) Il-mewt ta' ċittadin tal-Unjoni, it-tluq tiegħu minn Malta, id-divorzju tiegħu li jkun rikonoxxut taħt l-Att dwar iż-Żwieġ, jew l-annulment taż-żwieġ tiegħu m'għandux jaffettwa d-drittijiet ta' residenza tal-membri tal-familja tiegħu li jkunu ċittadini ta' Stat Membru.

(2) Il-mewt ta' ċittadin tal-Unjoni m'għandux jaffettwa d-dritt ta' residenza tal-membri tal-familja tiegħu li jkunu ċittadini ta' pajjiżi terzi u li kienu jirrisjedu f'Malta bħala membri tal-familja għal mill-inqas sena qabel il-mewt taċ-ċittadin tal-Unjoni.

(3) Id-divorzju jew l-annulment tal-żwieġ ta' ċittadin tal-Unjoni m'għandhomx jaffettwaw id-drittijiet ta' residenza tal-membri tal-familja tiegħu li jkunu ċittadini ta' pajjiżi terzi meta:

(*a*) iż-żwieġ ikun seħħ għal mill-inqas tliet snin minnufih qabel il-bidu ta' proċedimenti għat-tmiem tiegħu u l-partijiet fiż-żwieġ kienu jirrisjedu f'Malta għal mill-inqas sena sakemm iż-żwieġ kien għadu jseħħ; jew

(*b*) bi qbil bejn il-konjuġi jew b'ordni tal-qorti, il-konjuġi preċedenti ikollu l-kustodja tat-tfal ta' ċittadin tal-Unjoni; jew

(*ċ*) id-dritt kontinwat ta' residenza f'Malta ikun kopert minn ċirkostanzi li jkunu partikolarment diffiċli, inklużi dawk li kienu vittmi ta' vjolenza domestika

filwaqt li ż-żwieġ kien għadu jseħħ; jew

(*d*) bi qbil bejn il-konjuġi jew b'ordni tal-qorti, il-konjuġi preċedenti li ma jkunx ċittadin ta' Stat Membru jkollu d-dritt li jaċċedi għal tifel jew tifla minuri iżda l-qorti tkun iddeċidiet li dak l-aċċess għandu jkun f'Malta, għal daqstant żmien daqs kemm ikun meħtieġ.

(4) Il-mewt ta' ċittadin tal-Unjoni jew it-tluq tiegħu minn Malta m'għandhomx jaffettwaw id-dritt ta' residenza tat-tfal tiegħu jew tal-ġenitur li jkollu l-kustodja attwali tal-tfal irrispettivament miċ-ċittadinanza, jekk it-tfal ikunu jirrisjedu f'Malta u jkunu iskritti f'istitut edukattiv għal finijiet ta' studju, sakemm itemmu l-istudji tagħhom.

(5) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija fis-subartikoli (2), (3) u (4) għandhom iżommu d-dritt ta' residenza li jkollhom esklużivament fuq bażi personali.

Dritt għal residenza permanenti.

**6.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, ċittadin tal-Unjoni li jkun irrisjeda legalment għal perjodu kontinwu ta' ħames snin f'Malta u l-membri tal-familja tiegħu li ma jkunux ċittadini ta' Stat Membru u li li jkunu legalment irrisjedew miegħu f'Malta għal perjodu kontinwu ta' ħames snin u persuni msemmija fl-artikolu 5 skont ma japplika, jistgħu jirrisjedu b'mod permanenti f'Malta u ġaladarba dak id-dritt ikun ġie miksub, dan m'għandux, mingħajr preġudizzju għal xi disposizzjoni li tista' tkun tapplika tal-artikoli 12 u 13, ikun soġġett għal-kondizzjonijiet li hemm provdut dwarhom fl-artikoli 8, 9, 10 jew 11:

Iżda persuna li tkun ċittadin tal-Unjoni u li tinsab imsemmija fl-artikolu 5 għandha, qabel ma tikseb id-dritt ta' residenza permanenti, tkun tista' turi li hija tissodisfa l-kondizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 8, 9, 10 jew 11 skont ma dawn japplikaw:

Iżda wkoll persuna imsemmija fl-artikolu 5(1), (2) u (3), li ma jkunx ċittadin tal-Unjoni għandu, qabel ma jikseb id-dritt ta' residenza permanenti , jkun jista' juri li huwa jissodisfa l-kondizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 8, 9 jew 11 skont ma dawn japplikaw jew, fil-każ tal-membri tal-familja tiegħu, li huma membri tal-familja li diġà tinsab stabbilita f'Malta.

(2) Id-Direttur għandu jeħtieġ lil ċittadin tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tiegħu msemmija f'dan l-artikolu li jġibu prova tar-residenza kontinwa tagħhom skont ma jista' jiġi ordnat.

(3) Il-kontinwità ta' residenza m'għandhiex tkun affettwata minn:

(*a*) kull assenza temporanja li ma tkunx teċċedi total ta' sitt xhur f'kull sena; jew

(*b*) kull assenza li ddum iktar minn hekk għal servizz militari obbligatorju; jew

(*ċ*) assenza waħda b'massimu ta' tnax-il xahar konsekuttiv għal raġunijiet importanti inklużi t-tqala u twelid, mard gravi, studju jew taħriġ vokazzjonali, jew

stazzjonament fuq xogħol fi Stat Membru ieħor jew f'xi pajjiż terz.

(4) Ġaladarba tinkiseb ir-residenza permanenti, iċ-ċittadin tal-Unjoni u l-membri tal-familja tiegħu jitilfu biss dak l-istatus ta' residenza permanenti permezz tal-assenza tagħhom minn Malta għal perjodu li jeċċedi sentejn konsekuttivi.

(5) Dawn il-persuni li ġejjin għandhom igawdu residenza permanenti f'Malta qabel ma jtemmu l-perjodu kontinwu ta' ħames snin ta' residenza li hemm provdut dwaru fis-subartikolu (1):

(*a*) ħaddiem jew persuna li taħdem għal rasha li, filwaqt tat-tmiem ta' impjieg tiegħu, tkun laħqet l-età ta' rtirar, iżda dik il-persuna tkun ilha taħdem f'Malta għal mill-inqas tnax-il xahar qabel it-tmiem tal-impjieg tiegħu u kienet tirrisjedi f'Malta kontinwament għal iżjed minn tliet snin qabel dak it-tmiem;

(*b*) ħaddiem li jkun temm l-impjieg tiegħu bi ħlas biex jirtira kmieni, iżda dak il-ħaddiem ikun ilu jaħdem f'Malta għal mill-inqas tnax-il xahar qabel it-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu u jkun irrisjeda f'Malta kontinwament għal iżjed minn tliet snin qabel dik it-terminazzjoni;

(*ċ*) ħaddiem jew persuna li taħdem għal rasha li tkun kontinwament irrisjediet f'Malta għal iżjed minn sentejn u tkun waqfet taħdem bħala riżultat ta' inabilità permanenti li taħdem, iżda l-perjodu ta' residenza minima meħtieġ ma jkunx japplika jekk dik l-inabilità tkun tirriżulta minn aċċident fuq ix-xogħol jew minn xi marda okkupazzjonali li tkun tagħtih jedd għal pensjoni u jkun hemm istituzzjoni jew korp f'Malta li jkun għalkollox jew f'parti responsabbli għal dan;

(*d*) ħaddiem jew persuna li taħdem għal rasha li wara tliet snin ta' impjieg u residenza f'Malta kontinwi ikun jaħdem bħala impjegat jew taħdem għal rasha f'xi Stat Membru ieħor, filwaqt li jinżamm il-post ta' residenza f'Malta fejn jirritorna, bħala regola, mill-inqas darba fil-ġimgħa.

(6) Għall-finijiet ta' jedd għal residenza permanenti mill-persuni msemmija fis-subartikolu (5)(*a*), (*b*) u (*ċ*), dawk il-perjodi ta' impjieg li jiġu mgħoddija fi Stat Membru ieħor fejn dik il-persuna tkun ħadmet jew tkun qiegħda taħdem, għandhom jitqiesu bħala li jkunu ġew mgħoddija f'Malta.

(7) Għall-finijiet tas-subartikolu (5)(*a*), (*b*) u (*ċ*) -

(*a*) perjodi ta' inattività għal raġunijiet li l-persuna involuta ma tkunx kaġun tagħhom,

(*b*) perjodi ta' inattività minħabba f'mard jew f'aċċident, u

(*ċ*) perjodi ta' nuqqas ta' xogħol involontarju li jkun reġistrat kif imiss mill-aġenzija tal-impjiegi,

għandhom ikunu trattati bħala perjodi ta' attività tal-persuna bħala ħaddiem jew persuna li taħdem għal rasha.

(8) Mingħajr preġudizzju għal kull dritt li jista' jitgawda taħt l-Att, il-kondizzjonijiet dwar it-tul ta' residenza u impjieg stabbiliti fis-subartikolu (5)(*a*), (*b*) u (*ċ*) m'għandhomx japplikaw jekk il-konjuġi ta' xi persuna bħal dik tkun ċittadin preċedenti ta' Malta li tkun tilfet iċ-ċittadinanza Maltija minħabba li tkun iżżewġitu.

(9) Membri tal-familja tal-persuna msemmija fis-subartikolu (5) u li jkunu jirrisjedu miegħu f'Malta, għandu jkollhom id-dritt ta' residenza permanenti jekk dik il-persuna tkun kisbet dak id-dritt:

Iżda, mingħajr preġudizzju għal kull dritt li jista' jitgawda taħt l-Att, jekk dak il-ħaddiem jew persuna li taħdem għal rasha tmut waqt li tkun għadha taħdem qabel ma tkun kisbet id-dritt li tibqa' b'mod permanenti f'Malta, il-membri tal-familja jkollhom jedd għad-dritt ta' residenza permanenti f'Malta jekk -

(*a*) dik il-persuna, fid-data ta' mewtha, kienet kontinwament tirrisjedi f'Malta għal sentejn; jew

(*b*) li mewtha kienet kaġunata minn aċċident li seħħ fuq il-lant tax-xogħol jew minħabba f'mard okkupazzjonali; jew

(*ċ*) li l-konjuġi li jibqa' ħaj jkun ċittadin preċedenti ta' Malta u jkun tilef iċ-ċittadinanza Maltija minħabba fi żwieġ lil dik il-persuna.

Ċertifikati ta' reġistrazzjoni, karti ta' residenza, `ertifikati ta' residenza permanenti u karti ta' residenza permanenti. *Emendat: A.L. 427 tal-2007.*

**7.** (1) Ċittadin tal-Unjoni u l-membri tal-familja tiegħu li jkunu jirrisjedu f'Malta skont l-artikolu 3(3), ma jkunux meħtieġa li jkollhom ċertifikat ta' reġistrazzjoni jew karta ta' residenza qabel ma jiskadu tliet xhur mid-data tal-wasla tagħhom f'Malta.

(2) Meta jiskadu tliet xhur mid-data tal-wasla tagħhom f'Malta, il-persuni msemmija fis-subartikolu (1), li jkunu ċittadini tal-Union, għandhom japplikaw għand id-Direttur biex joħroġilhom ċertifikat ta' reġistrazzjoni.

(3) Id-Direttur għandu joħroġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni minnufih, li fih juri l-isem u l-indirizz tal-persuna li tkun qiegħda tiġi reġistrata u d-data tar-reġistrazzjoni.

(4) Meta jiskadu tliet xhur mid-data tal-wasla f'Malta, il-membri tal-familja li ma jkunux ċittadini tal-Unjoni msemmija fl-artikolu 7(1) għandhom japplikaw għand id-Direttur biex joħroġilhom karta ta' residenza.

(5) skont l-artikolu 3(5), id-Direttur jista' joħroġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni jew karta ta' residenza lil membru tal-familja ieħor skont ma jkun japplika.

(6) Id-Direttur għandu joħroġ karta ta' residenza li tkun magħrufa bħala ċKarta ta' residenza ta' membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni' jew skont ma jkun japplika, mhux iżjed tard minn sitt xhur mid-data tal-applikazzjoni:

Iżda ċertifikat ta' applikazzjoni għal karta ta' residenza għandu jkun maħruġ minnufih.

(7) Il-validità ta' dik il-karta ta' residenza għandha tkun għal ħames snin mid-data tal-ħruġ jew għall-perjodu ta' residenza li jkun previst ta' ċittadin tal-Unjoni, jekk dak il-perjodu jkun inqas minn ħames snin:

Iżda l-validità tal-karta ta' residenza m'għandha tkun affettwata minn ebda assenza msemmija fl-artikolu 6(3).

(8) Id-Direttur għandu joħroġ lil ċittadin tal-Unjoni, li jkollu jedd jirrisjedi f'Malta b'mod permanenti taħt l-artikolu 6, ċertifikat ta' residenza permanenti kemm jista' jkun malajr wara li japplika għal dak iċ-ċertifikat u wara li tinġieb prova lid-Direttur li ċ-ċittadin tal-Unjoni ikollu jedd għal dak il-ħruġ.

(9) Id-Direttur għandu joħroġ lil membru tal-familja, li jkun ċittadin ta' pajjiż terz, u li jkollu jedd jirrisjedi f'Malta b'mod permanenti taħt l-artikolu 6, karta ta' residenza permanenti mhux iżjed tard minn sitt xhur wara d-data minn meta ssir l-applikazzjoni għal dik il-karta u tinġieb prova lid-Direttur li l-membru tal-familja ikollu jedd għal dak il-ħruġ.

(10) Karta ta' residenza permanenti tkun valida għal għaxar snin mid-data tal-ħruġ u għandha tiġġedded awtomatikament mid-Direttur wara li ssir applikazzjoni qabel ma dik il-karta ta' residenza tiskadi:

Iżda l-validità ta' dik il-karta ta' residenza għandha ttemm mal-interruzzjoni ta' residenza f'Malta għal perjodu li jeċċedi s-sentejn.

(11) Iċ-ċertifikati ta' reġistrazzjoni, karti ta' residenza, ċertifikati ta' reġistrazzjoni permanenti u karti ta' residenza permanenti għandhom jinħarġu mingħajr ebda ħlas.

(12) Il-pussess ta' ċertifikat ta' reġistrazzjoni, ta' ċertifikat li jikkonferma residenza permanenti , ċertifikat li jixhed dwar il-preżentata ta' applikazzjoni għal karta ta' residenza jew għal karta ta' residenti permanenti m'għandu, taħt l-ebda ċirkostanza, iservi ta' prekondizzjoni għall-eżerċizzju ta' dritt jew it-tmiem ta' xi formalità amministrattiva taħt it-Taqsimiet I u II ta' dan l-Ordni.

(13) Membru tal-Korp tal-Pulizija jista' jitlob lil persuna li jkun inħarġilha ċertifikat ta' reġistrazzjoni, karta ta' residenza, ċertifikat permanenti ta' reġistrazzjoni jew karta ta' residenza permanenti, tipproduċi dak id-dokument, li jkun validu, meta hekk jintalab, jew inkella jekk dan ma jkunx prattiku għall-persuna li tkun hekk meħtieġa ġġibu meta tintalab tagħmel dan, mhux iżjed tard minn erbgħa w għoxrin wara li ssirilha t-talba u, jekk tonqos milli tagħmel dan, dan ikun jikkostitwixxi reat kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Ordni u persuni li jonqsu milli jagħmlu dan jistgħu jeħlu multa li ma tkunx teċċedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) u, fil-każ ta' reat kontinwat, multa li ma tkunx teċċedi ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) għal kull ġurnata li matulha jkompli għaddej ir-reat:

Iżda, jekk qabel ma l-persuna tinsab ħatja li tkun wettqet reat skont dan l-Ordni, dik il-persuna tħallas lill-Kummissarju tal-Pulizija, penali amministrattiva ta' bejn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) u mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u

disgħin ċenteżmu (232.94), skont ma jista' jiġi stabbilit mill-Kummissarju tal-Pulizija, m'għandhom jinbdew jew jitkomplew ebda proċedimenti dwar xi reat kriminali li jkun sar bi ksur ta' dan l-artikolu.

(14) Meta jkun qiegħed joħroġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni jew karta ta' residenza kif hemm provdut dwarhom f'dan l-artikolu, sabiex jiġi żgurat jekk il-persuna in kwistjoni tkunx ta' periklu għal *policy* pubblika jew għas-sigurtà pubblika kif provdut fl-artikolu 14, id-Direttur jista', jekk huwa jqis li dan ikun meħtieġ iżda mhux bħala ħaġa ta' rutina, jitlob lill-Istat Membru ta' oriġini jew lil Stati Membri oħra jipprovdu informazzjoni li tkun tirrigwarda kull *record* tal-Pulizija preċedenti li jirrigwarda lil dik il-persuna:

Iżda, jekk Stat Membru jagħmel dik it-talba għal informazzjoni li tkun tirrigwarda xi record tal-Pulizija preċedenti ta' ċittadin tal-Unjoni, membru tal-familja jew membru tal-familja ieħor, lill-awtoritajiet kompetenti f'Malta, dik l-informazzjoni għandha tingħadda lill-Istat Membru li jkun qiegħed jitlobha fi żmien xahrejn.

(15) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Ordni għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' kull liġi li tirregola l-akkwist ta' proprjetà f'Malta minn persuni li m'humiex ċittadini Maltin u ċertifikat ta' reġistrazzjoni jew karta ta' residenza ma jagħti, minnu nnifsu, ebda jedd lid-detentur jakkwista jew ikollu proprjetà f'Malta iktar minn dik li hemm provdut dwarha fl-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti.

Kap. 246.

Residenza u impjieg.
*Emendat:*
*A.L. 107 tal-2012.*

**8.** (1) Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 3 u bla ħsara għal kull restrizzjoni jew kondizzjoni li tista' tiġi imposta b'dan l-Ordni, ċittadin tal-Unjoni (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ħaddiem") jista' jirrisjedi Malta sabiex ikun jista' jeżerċita impjieg.

(2) Il-Ministru responsabbli għall-impjieg jista' b'Ordni jirrestrinġi s-suq tax-xogħol, għal kollox jew parzjalment, għal ċittadini ta' Stati Membri f'konformità mal-arranġamenti stipulati fit-Trattati ta' Adeżjoni għall-Unjoni Ewropea li jistgħu jkunu applikabbli matul perjodu ta' żmien speċifikat.

(3) Għall-finijiet tas-subartikolu (2) b'mod partikolari, dwar is-sorveljanza tas-suq tax-xogħol mill-aġenzija tal-impjiegi, kull persuna li timpjega ħaddiem għandha tikkonforma ruħha mad-disposizzjonijiet tar-Regolamenti fuq id-Dokumentazzjoni dwar Ħaddiema li Jibdew jew Itemmu Impjieg, kemm meta jibda l-impjieg kemm mat-terminazzjoni tiegħu.

L.S. 594.17

(4) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Ordni għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal xi restrizzjoni fuq l-impjieg mas-Servizz Pubbliku.

(5) Meta ċittadin tal-Unjoni jkun ħaddiem li jkun qiegħed ifittex attività bħala persuna impjegata f'Malta, il-membri tal-familja tiegħu għandhom, ukoll jekk dawn ikunu ċittadini ta' pajjiżi terzi, ikunu jistgħu jinstallaw ruħhom mal-ħaddiem, u għal dawk il-finijiet, għandu jinħarġilhom ċertifikat ta' reġistrazzjoni jew karta ta' residenza skont il-każ u skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 7,

bla ħsara għall-istess drittijiet u kundizzjonijiet li japplikaw għal ċittadin tal-Unjoni, inkluż id-dritt li tiġi eżerċitata attività bħala persuna impjegata jew persuna li taħdem għal rasha f'Malta.

(6) Id-Direttur għandu jagħti kont kif imiss u adatt għar-rigward tad-dħul ta' membru tal-familja ieħor ta' ċittadin tal-Unjoni imsemmi fis-subartikolu (1) kif provdut dwar dan fl-artikolu 3(5).

(7) Għandha tinġieb prova dwar il-jedd għal ċertifikat ta' reġistrazzjoni u, jew, karta ta' residenza kif ġej:

(*a*) mill-ħaddiem:

(i) billi jinġieb dokument ta' identifikazzjoni validu li bih iċ-ċittadin tal-Unjoni jkun daħal Malta; u

(ii) billi tinġieb konferma ta' impjieg minn min iħaddem jew ċertifikat ta' impjieg;

(*b*) mill-membri tal-familja jew membri tal-familja oħrajn:

(i) permezz ta' dokument ta' identifikazzjoni validu jekk dawk il-membri jkunu ċittadini ta' pajjiż ŻEE u ta' passaport validu jekk ikunu ċittadini ta' pajjiżi terzi;

(ii) permezz ta' dokument maħruġ mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż ta' oriġini jew tal-pajjiż minn fejn ikunu ġew dawk il-membri tal-familja, li bih tinġieb prova tar-relazzjoni tagħhom mal-ħaddiem;

(iii) permezz ta' dokument maħruġ mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż ta' oriġini jew tal-pajjiż minn fejn ikunu ġew dawk il-membri tal-familja, fil-każ li dawn ikunu tfal dipendenti li għalqu l-wieħed u għoxrin sena jew ikunu qraba diretti dipendenti fil-linja axxendentali, jew membri tal-familja oħrajn, li jġibu prova li huma jiddependu fuq il-ħaddiem;

(iv) meta jkun japplika, permezz taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-ħaddiem;

(v) fil-każ ta' membri tal-familja oħrajn biss, għal raġunijiet ta' saħħa serji li strettament jeħtieġu l-kura personali taċ-ċittadin tal-Unjoni, permezz ta' prova li huma membri fl-abitazzjoni tal-ħaddiem;

(vi) fil-każ tas-sieħeb jew sieħba tal-ħaddiem, permezz ta' prova li jkun hemm relazzjoni fit-tul maċ-ċittadin tal-Unjoni.

(8) Għall-fini ta' dan l-Ordni, ċittadin tal-Unjoni għandu jibqa' jżomm l-istatus ta' ħaddiem jekk:

(*a*) huwa jkun reġistrat kif imiss bħala persuna involontarjament bla xogħol wara li jkun ilu impjegat għal iżjed minn sena u jkun irreġistra bħala persuna li tkun qiegħda tfittex ix-xogħol mal-aġenzija tal-impjiegi; jew

(*b*) huwa ma jkunx temporanjament kapaċi jaħdem kaġun ta' xi mard jew aċċident; jew

(*ċ*) huwa jkun reġistrat kif imiss bħala persuna involontarjament bla xogħol wara li jkun temm kuntratt ta' impjieg għal żmien fiss ta' inqas minn sena jew wara li jkun sab ruħu involontarjament bla xogħol matul l-ewwel tnax-il xahar u jkun irreġistra bħala persuna li tkun qiegħda tfittex ix-xogħol mal-aġenzija tal-impjiegi; jew

(*d*) huwa jagħmel taħriġ vokazzjonali:

Iżda, f'dak li jirrigwarda l-paragrafu (*ċ*), l-istatus ta' ħaddiem għandu jinżamm għal mhux inqas minn sitt xhur:

Iżda wkoll f'dak li jirrigwarda l-paragrafu (*d*), iż-żamma tal-istatus ta' ħaddiem tkun teħtieġ li t-taħriġ ikollu x'jaqsam mal-impjieg li kellu qabel kemm-il darba huwa ma jkunx jinsab bla xogħol involontarjament.

Residenza u persuni li jaħdmu għal rashom. *Emendat: A.L. 107 tal-2012.*

**9.** (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 3 u bla ħsara għal kull restrizzjoni jew kondizzjoni li tista' tiġi imposta b'dan l-Ordni, ċittadin tal-Unjoni jista' jirrisjedi f'Malta sabiex jeżerċita attivitajiet bħala persuna li taħdem għal rasha.

(2) Meta ċittadin tal-Unjoni jkun qiegħed jeżerċita attività bħala persuna li taħdem għal rasha f'Malta, il-membri tal-familja tiegħu jistgħu, ukoll jekk dawn ikunu ċittadini ta' pajjiżi terzi, jinstallaw ruħhom ma' dik il-persuna, u għal dawk il-finijiet, għandu jinħarġilhom ċertifikat ta' reġistrazzjoni jew karta ta' residenza, skont il-każ, skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 7, bla ħsara għall-istess drittijiet u kundizzjonijiet li japplikaw għal ċittadin tal-Unjoni, inklużi d-dritt li jeżerċitaw attività bħala persuna impjegata jew persuna li taħdem għal rasha f'Malta.

(3) Id-Direttur għandu jagħti kont kif imiss u adatt tad-dħul ta' membru tal-familja ieħor ta' ċittadin tal-Unjoni imsemmi fis-subartikolu (1) kif provdut fl-artikolu 3(5).

(4) Għandha tinġieb prova dwar il-jedd għal ċertifikat ta' reġistrazzjoni minn ċittadin tal-Unjoni li jkun persuna li taħdem għal rasha kif ġej:

(*a*) permezz tal-produzzjoni ta' dokument ta' identifikazzjoni validu li bih iċ-ċittadin tal-Unjoni jkun daħal Malta; u

(*b*) prova li ċ-ċittadin tal-Unjoni msemmi fis-subartikolu (1) ikun persuna li taħdem għal rasha.

(5) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 8(7)(*b*) li jirrigwardaw il-ħruġ ta' ċertifikat ta' reġistrazzjoni jew karta ta' residenza, skont ma dawn japplikaw, japplikaw *mutatis mutandis* dwar membri tal-familja u membri tal-familja oħrajn ta' ċittadin tal-Unjoni li jkunu jaħdmu għal rashom.

(6) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 8(8) japplikaw *mutatis mutandis* għal persuni li jaħdmu għal rashom li għandhom, f'dak il-

każ, iżommu l-istatus ta' persuni li jaħdmu għal rashom.

(7) Ebda ċittadin tal-Unjoni jew il-membri tal-familja tiegħu ma jistgħu jeżerċitaw attivitajiet bħala persuna li taħdem għal rasha kemm-il darba hija ma tkunx -

(*a*) persuna *bona fide* li taħdem għal rasha;

(*b*) topera minn indirizz reġistrat u tissodisfa l-ħtiġiet kollha li jkunu normalment meħtieġa minn ċittadin ta' Malta li jaħdmu għal rashom, inklużi dawk l-affarijiet kollha li jirrigwardaw ir-reġistrazzjoni u t-tassazzjoni.

Residenza għal finijiet ta' studju.
*Emendat: A.L. 107 tal-2012; XXIX.2019.71/*

**10.** (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 3 u bla ħsara għal kull restrizzjoni jew kondizzjoni li tista' tiġi imposta b'dan l-Ordni, ċittadin tal-Unjoni (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "student") jista' jirrisjedi f'Malta għall-fini li jagħmel kors ta' edukazzjoni, inkluż taħriġ vokazzjonali.

(2) Id-dritt ta' residenza rikonoxxut bis-subartikolu (1) għandu jkun bla ħsara għal dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

Kap. 605.
Kap. 594.

(*a*) li ċ-ċittadin tal-Unjoni jkun iskritt f'istituzzjoni edukattiva rikonoxxuta kif provdut fl-Att dwar l-Edukazzjoni jew fl-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ, bil-għan prinċipali li jsegwi kors ta' edukazzjoni, inkluż kors ta' taħriġ vokazzjonali; u

(*b*) li huwa u l-membri tal-familja tiegħu, li jkollhom jedd jakkumpanjawh kif imfisser fis-subartikolu (3), u li jkunu qegħdin jakkumpanjawh, ikunu koperti b'assigurazzjoni komprensiva kontra l-mard dwar ir-riskji kollha f'Malta; u

(*ċ*) li, permezz ta' dikjarazzjoni jew xort'oħra, huwa jiżgura lid-Direttur li għandu riżorsi biżżejjed biex ma jkun ta' ebda piż fuq is-sistema ta' assistenza soċjali f'Malta matul il-perjodu ta' residenza tiegħu nnifsu u dik tal-membri tal-familja tiegħu.

(3) Il-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni imsemmi fis-subartikolu (2)(*b*), ukoll jekk dawn ikunu ċittadini ta' pajjiżi terzi, jistgħu jinstallaw ruħhom ma' dik il-persuna, u għal dawk il-finijiet, għandu jinħarġilhom ċertifikat ta' reġistrazzjoni jew karta ta' residenza, skont il-każ, skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 7, bla ħsara għall-istess drittijiet u kundizzjonijiet li japplikaw għal ċittadin tal-Unjoni, inkluż id-dritt li tiġi eżerċitata attività bħala persuna impjegata jew persuna li taħdem għal rasha f'Malta:

Iżda il-frażi "membri tal-familja" ma tinkludix lill-axxendenti diretti tal-istudent jew tal-konjuġi tiegħu ħlief li d-Direttur għandu jagħti kont kif imiss u adatt f'dak li jirrigwarda d-dħul u r-residenza ta' dawk il-persuni kif provdut fl-artikolu 3(5).

(4) Id-Direttur għandu jagħti kont kif imiss u adatt dwar id-dħul u r-residenza ta' membru tal-familja ieħor ta' ċittadin tal-Unjoni msemmi fis-subartikolu (1) kif provdut fl-artikolu 3(5).

(5) Għandha tinġieb prova dwar il-jedd għal ċertifikat ta' reġistrazzjoni jew karta ta' residenza meta din tkun toriġina taħt dan l-artikolu, kif ġej:

(*a*) mill-istudent:

(i) permezz ta' dokument ta' identifikazzjoni validu;

(ii) permezz ta' prova li ġie iskritt f'istituzzjoni edukattiva rikonoxxuta għall-fini prinċipali li jiġi segwit kors ta' edukazzjoni inkluż kors ta' taħriġ vokazzjonali f'dak il-post;

(iii) permezz ta' prova li huwa jkun kopert minn assigurazzjoni komprensiva kontra l-mard kif provdut fis-subartikolu (2)(*b*);

(iv) permezz ta' dikjarazzjoni jew xort'oħra li huwa għandu riżorsi biżżejjed kif provdut fis-subartikolu (2)(*ċ*);

(*b*) mill-membri tal-familja tiegħu:

(i) permezz ta' dokument ta' identifikazzjoni validu jekk dawk il-membri jkunu ċittadini ta'ż-ŻEE u ta' passaport validu jekk ikunu ċittadini ta' pajjiżi terzi;

(ii) prova li kull membru tal-familja ikun kopert b'assigurazzjoni komprensiva kontra l-mard kif provdut fis-subartikolu (2)(*b*);

(iii) dikjarazzjoni jew xort'oħra mill-istudent li huwa għandu riżorsi biżżejjed kif imsemmi fis-subartikolu (2)(*ċ*);

(iv) id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8(7)(*b*)(ii) sa (vi) dwar il-ħruġ ta' ċertifikat ta' reġistrazzjoni jew karta ta' residenza, kif applikabbli, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* fir-rigward ta' membri tal-familja u membri tal-familja oħra taċ-ċittadin tal-Unjoni li huwa student.

Residenza minn persuni oħra.

**11.** (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 3 u bla ħsara għal kull restrizzjoni jew kondizzjoni li tista' tiġi imposta b'dan l-Ordni, kull ċittadin tal-Unjoni jista' jirrisjedi f'Malta jekk huwa:

(*a*) ikollu riżorsi biżżejjed għalih innifsu u għall-membri tal-familja tiegħu u membri tal-familja oħrajn, li jiżguraw li dawn ma jkunux ta' piż fuq is-sistema ta' assistenza soċjali f'Malta; u

(*b*) hu nnifsu u l-membri tal-familja tiegħu jkunu koperti b'assigurazzjoni komprensiva kontra l-mard f'Malta.

(2) Il-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni msemmi fis-subartikolu (1), ukoll jekk dawn ikunu ċittadini ta' pajjiżi terzi, jistgħu jinstallaw ruħhom ma' dak iċ-ċittadin tal-Unjoni, u għal dawk il-finijiet, għandu jinħarġilhom ċertifikat ta' reġistrazzjoni jew karta ta' residenza, skont il-każ, skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 7, bla ħsara għall-istess drittijiet u kondizzjonijiet li japplikaw għaċ-ċittadin tal-Unjoni, inkluż id-dritt li tiġi eżerċitata attività bħala persuna impjegata jew persuna li taħdem għal rasha f'Malta.

(3) Id-Direttur għandu jagħti kont kif imiss u adatt għad-dħul ta' membru tal-familja ieħor ta' ċittadin tal-Unjoni imsemmi fis-subartikolu (1) kif provdut fl-artikolu 3(7).

(4) Għandha tinġieb prova tal-jedd għal ċertifikat ta' reġistrazzjoni minn ċittadin tal-Unjoni msemmi fis-subartikolu (1), kif ġej:

(*a*) permezz ta' prova li huwa u l-membri tal-familja tiegħu u membri tal-familja oħrajn ikunu koperti b'assigurazzjoni komprensiva kontra l-mard għar-rigward ta' kull riskju f'Malta;

(*b*) permezz ta' prova li huwa jkollu riżorsi biżżejjed għalih innifsu u għall-membri tal-familja tiegħu u membri tal-familja oħrajn kif provdut f'dan l-artikolu, sabiex dawn ma jkunux ta' piż fuq is-sistema ta' assistenza soċjali f'Malta matul il-perjodu ta' residenza tagħhom;

(*ċ*) permezz tal-produzzjoni ta' dokument ta' identifikazzjoni validu ta' ċittadin tal-Unjoni;

(*d*) id-disposizzjonijiet tal-artikolu 8(7)(*b*) li jirrigwardaw il-ħruġ ta' ċertifikat ta' reġistrazzjoni jew karta ta' residenza, skont ma dawn japplikaw, japplikaw *mutatis mutandis* dwar membri tal-familja u membri tal-familja oħrajn ta' ċittadin tal-Unjoni li jistgħu jkunu jirrisjedu f'Malta bis-saħħa tas-subartikolu (1).

(5) Għall-finijiet tas-subartikolu (4)(*b*), ir-riżorsi msemmija f'dak il-paragrafu għandhom jitqiesu li jkunu biżżejjed jekk dawn ikunu ekwivalenti għal-livell ta' riżorsi indikati mill-Ministru responsabbli għall-politika soċjali bħala l-inqas mezz li jiddetermina l-għoti ta' assistenza soċjali lil ċittadini Maltin, u billi jiġi tenut kont taċ-ċirkostanzi personali ta' ċittadin tal-Unjoni msemmija fis-subartikolu (1) u, meta jkun adatt, iċ-ċirkostanzi personali ta' membri tal-familja li jakkumpanjawh. Jekk dan il-kriterju ma jkunx jista' jiġi applikat, dawk ir-riżorsi għandhom jitqiesu li jkunu biżżejjed jekk dawn ikunu ekwivalenti għal-livell tal-pensjoni ta' sigurtà soċjali minima nazzjonali li titħallas mill-Gvern ta' Malta fil-waqt li tkun qiegħda ssir l-applikazzjoni.

Restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' dħul u dritt ta' residenza.

**12.** (1) Id-drittijiet imsemmija fl-artikolu 3(1) għandhom jiġu ristretti permezz ta' deċiżjoni li tittieħed abbażi tal-*policy* pubblika, dik ta' sigurtà pubblika jew ta' saħħa pubblika:

Iżda dawk id-drittijiet m'għandhomx ikunu unikament ristretti biex iservu finijiet ekonomiċi.

(2) Fl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1):

(*a*) id-deċiżjoni rilevanti għandha tkun konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità;

(*b*) id-deċiżjoni rilevanti għandha tkun esklużivament bażata fuq l-imġieba personali tal-persuna in kwistjoni bla ħsara għall-fatt illi:

(i) il-kundanni kriminali preċedenti tal-persuna ma jikkostitwixxux, fihom infushom, ebda bażi biex

tittieħed id-deċiżjoni rilevanti;

(ii) l-imġieba personali tal-persuna in kwistjoni tippreżenta theddida ġenwina, preżenti u serja biżżejjed li taffettwa wieħed mill-interessi fundamentali tas-soċjetà;

(iii) affarijiet isolati mid-dettalji tal-każ jew li għandhom x'jaqsmu ma' konsiderazzjonijiet ta' prevenzjoni ġenerali, ma jiġġustifikawx deċiżjoni rilevanti.

(3) Deċiżjoni li jiġi ristrett dritt ta' dħul u dritt ta' residenza abbażi tas-saħħa pubblika, għandha tkun limitata għal dak il-mard li jkollu potenzjal epidemiku kif imfisser mill-istrumenti rilevanti tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u mard infettiv ieħor jew mard parasitiku kontaġġjuż jekk dawn ikunu jiffurmaw is-suġġett ta' disposizzjonijiet ta' protezzjoni li japplikaw għal ċittadini Maltin konformement mal-Att dwar is-Saħħa Pubblika:

Kap. 465.

Iżda meta jkun hemm indikazzjonijiet serji li din tkun meħtieġa, u mhux bħala kwistjoni ta' rutina, id-Direttur jista', wara li jikkonsulta lis-Superintendent tas-Saħħa Pubblika u bir-rakkomandazzjoni tiegħu, fi żmien tliet xhur mid-data tal-wasla tagħhom, jeħtieġ lill-persuni li jkollhom id-dritt ta' residenza li jagħmlu, mingħajr ebda ħlas, eżami mediku li jkun jiċċertifika li ma jkunu qegħdin ibatu minn ebda mard bħal dak.

Tneħħija u protezzjoni kontra t-tneħħija.
*Emendat: A.L. 107 tal-2012.*

**13.** (1) Persuna li ttemm milli jkollha d-dritt li tirrisjedi bis-saħħa ta' dan l-Ordni jew li ssir piż irraġonevoli fuq is-sistema ta' assistenza soċjali, tista' titneħħa minn Malta:

Iżda ordni ta' tneħħija m'għandhiex tkun konsegwenza awtomatika malli persuna tirrikorri għas-sistema ta' assistenza soċjali f'Malta:

Iżda wkoll bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Ordni, m'għandux jinħareġ ordni ta' tneħħija fil-każ ta' persuna li tkun ħaddiem, jew li taħdem għal rasha, jew li qed tfittex ix-xogħol, li tista' tipprovdi evidenza li hi qed tkompli tfittex impjieg u li għandha ċans ġenwin li tiġi impjegata, jew il-membri tal-familja ta' dawn il-persuni.

(2) Fil-każ li tittieħed deċiżjoni dwar it-tneħħija li tkun ibbażata fuq raġunijiet ta' *policy* pubblika jew ta' sigurtà pubblika, għandu jiġi tenut kont mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ta' għadd ta' konsiderazzjonijiet li jistgħu jinkludu:

(*a*) il-perjodu ta' residenza f'Malta tal-persuna li għandha titneħħa;

(*b*) l-età ta' dik il-persuna;

(*ċ*) l-istat ta' saħħa ta' dik il-persuna;

(*d*) is-sitwazzjoni tal-familja tiegħu u dik ekonomika;

(*e*) l-integrazzjoni soċjali u kulturali tiegħu f'Malta;

(*f*) l-estent tal-konnessjonijiet tiegħu mal-pajjiż ta' oriġini.

(3) M'għandhiex tittieħed deċiżjoni dwar it-tneħħija fil-każ ta'

ċittadin tal-Unjoni u l-membri tal-familja tiegħu, irrispettivament miċ-ċittadinanza, li jkollhom dritt ta' residenza permanenti, ħlief għal raġunijiet serji ta' *policy* pubblika u ta' sigurtà pubblika.

(4) M'għandhiex tittieħed deċiżjoni dwar it-tneħħija kontra ċittadin tal-Unjoni, ħlief meta dik id-deċiżjoni tkun ibbażata fuq motivi imperattivi ta' sigurtà pubblika, jekk dak iċ-ċittadin:

(*a*) ikun irrisjeda f'Malta għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas għaxar snin qabel dik id-deċiżjoni; jew

(*b*) ma jkunx għalaq l-età ta' tmintax-il sena kemm-il darba dik id-deċiżjoni ma tkunx meħtieġa fl-aħjar interess tiegħu.

(5) Il-mard imsemmi fl-artikolu 12(3), li jiġri wara perjodu ta' tliet xhur mid-data tal-wasla, m'għandux jikkostitwixxi motiv għat-tneħħija ta' ċittadin tal-Unjoni, tal-membri tal-familja tiegħu u ta' membri tal-familja oħrajn minn Malta għal raġunijiet ta' saħħa pubblika.

(6) Il-fatt li jiskadi d-dokument ta' identifikazzjoni li jiġi użat minn ċittadin tal-Unjoni u mill-membri tal-familja tiegħu u minn membri tal-familja oħrajn biex jidħol Malta u l-fatt li dawk il-persuni jonqsu milli jiksbu permess ta' residenza jew dokument ta' residenza, skont il-każ, m'għandux, minnu nnifsu, jiġġustifika t-tneħħija minn Malta.

Proċeduri.
*Emendat: A.L. 107 tal-2012.*

**14.** (1) Id-Direttur għandu jinforma lill-persuna li jkollha l-moviment liberu tagħha ristrett skont dan l-Ordni, jew li li tkun ser titneħħa, bil-miktub u b'mod preċiż u komplet, bir-raġunijiet għal dik ir-restrizzjoni jew bir-raġunijiet għal dik it-tneħħija, li fuqhom tkun imsejsa d-deċiżjoni li tkun ittieħdet fil-konfront tiegħu, hekk li din tkun tista' tiftiehem minn dik il-persuna, kemm-il darba dan ma jkunx imur kontra l-interessi tas-sigurtà ta' Malta:

Iżda, fejn applikabbli, l-imsemmija persuna għandha tkun infurmata biż-żmien permess biex titlaq minn Malta ħlief f'każijiet debitament sostanzjati ta' urġenza, iż-żmien permess biex titlaq minn Malta m'għandux ikun inqas minn xahar mid-data tan-notifika.

(2) Id-Direttur għandu jinforma lill-persuna msemmija fis-subartikolu (1), bil-miktub, bid-dritt ta' dik il-persuna li tressaq appell lill-Bord u bil-limitu ta' żmien għall-appell u l-Bord għandu jeżamina l-legalità tad-deċiżjoni tat-tneħħija, kif ukoll il-fatti u ċ-ċirkostanzi li fuqhom hija bbażata l-miżura proposta, jiżgura li d-deċiżjoni mhijiex sproporzjonata, partikolarment fid-dawl tar-rekwiżiti stabbiliti fl-artikolu 13.

(3) Meta ir-rikors tal-appell kontra ordni ta' tneħħija ikun akkumpanjat b'rikors għal ordni *interim* biex jiġi sospiż l-infurzar ta' dik l-ordni, it-tneħħija attwali minn Malta ma tistax issir sakemm ma tkunx ittieħdet deċiżjoni fuq l-ordni *interim*, ħlief:

(*a*) meta d-deċiżjoni għat-tneħħija tkun bbażata fuq deċiżjoni ġudizzjarja preċedenti; jew

(*b*) meta l-persuna konċernata kellha aċċess preċedenti għal reviżjoni ġudizzjarja, jew

(*ċ*) meta d-deċiżjoni ta' tneħħija tkun bbażata fuq raġunijiet ta' saħħa pubblika skont l-artikolu13(4).

(4) L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeskludu l-persuna kkonċernata mit-territorju tagħha sakemm issir l-proċedura ta' rimedju, iżda dik il-persuna ma tistax tinżamm milli tippreżenta d-difiża tagħha hi nnifisha, ħlief meta il-preżenza tagħha tista' tikkawża problemi serji għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà pubblika jew meta l-appell jew ir-reviżjoni ġudizzjarja tikkonċerna r-rifjut ta' dħul fit-territorju.

(5) Persuna li titneħħa minn Malta jew li l-moviment ħieles tagħha ġie ristrett skont dan l-Ordni, għal raġunijiet ta' ordni pubbliku jew sigurtà pubblika, tista' tippreżenta lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni rikors bil-miktub biex titneħħa l-esklużjoni tiegħu minn Malta wara perjodu raġonevoli, skont iċ-ċrkostanzi u fikwalunkwe każ wara li jgħaddu tliet snin mill-infurzar tal-esklużjoni finali minn Malta u wara li jkunu tqiegħdu argumenti biex jiġi stabbilit li kien hemm tibdil materjali fiċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw id-deċiżjoni li tordna għall-esklużjoni msemmija u l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, b'konsultazzjoni mad-Direttur, għandu jagħti deċiżjoni fuq ir-rikors fi żmien sitt xhur mis-sottomissjoni tagħha u dik il-persuna m'għandu jkollha l-ebda dritt tad-dħul f'Malta sakemm ma jiġi kkunsidrat ir-rikors tagħha.

(6) L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ma jista' jimponi ebda projbizzjoni fuq dħul mill-ġdid wara t-tneħħija sakemm dik it-tneħħija ma tkunx seħħet minħabba f'raġunijiet ta' *policy* pubblika, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika.

(7) M'għandhiex tinħareġ ordni ta' tneħħija mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni bħala piena jew konsegwenza legali ta' xi piena ta' ħabs jew detenzjoni kemm-il darba dik l-ordni ma tkunx tikkonforma mal-ħtiġiet tal-artikoli 12 u 13.

(8) Jekk ordni ta' tneħħija kif provdut fis-subartikolu (5) tiġi infurzata iżjed minn sentejn wara li din tinħareġ, l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, wara li jikkonsulta lid-Direttur, għandu jiżgura jekk l-individwu in kwistjoni jkunx korrentement u ġenwinament jikkostitwixxi theddida għal *policy* pubblika jew għas-sigurtà pubblika u għandu jivvaluta jekk kienx hemm xi bidla materjali fiċ-ċirkostanzi minn meta tkun inħarġet l-ordni ta' tneħħija.